MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 212/2002/1

**George Sladden**

**vs**

**Dr Louis Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-31 ta' Jannar, 2002, fejn intqal illi l-konvenut huwa debitur tas-somma ta' elf mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1122.41) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq xoghol maghmul fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond "Marilou", Triq il-Pellikan, San Gwann fosthom xoghol ta' thaffir, qlugh ta' blat, tkabbir tal-garage kif ukoll affarijiet ohra mill-attur George Sladden.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Marzu, 2002 fejn intqal illi:**

**1. It-talba attrici, fejn jidhol l-appalt pagabbli "lump sum", hija <u>ntempestiva</u> stante difetti serji u nadempjenza kuntrattwali;**

**2. Ghall-kumplament dak li ghandu jiehu l-eccipjent (ara kontro-talba) minghand l-attur zgur ipaci dak li jista' ghandu jiehu l-attur;**

**3. Bla pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu jaghti l-ispejjez tal-kawza stante li n-nuqqas tieghu, li jaghti lill-eccipjent ircevuta tal-V.A.T. fuq l-akkonti mhallsa, wasal ghaliha.**

**Illi mar-risposta l-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn talab is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rapprezentanti bhala rifuzjoni ta' Lm450 li thallsu ghal xoghol ta' tkissir u garr ta' madum, concrete u radam, li baqa' ma sarx mill-attur;**
**Danni kuntrattwali ta' Lm495.50 dovuti mill-attur ta' parti mill-appalt li in parti ma giex esegwit jew sar hazin u kellu jsir jew jigi rimedjat minn kuntrattur iehor b'urgenza;**
**Danni ohra kuntrattwali ta' Lm254.50 ikkawzati minn dewmien esegerat li anke ostakola kuntratturi ohra, kif ukoll ta' difetti serji rriparabbli kkawzati fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet, partikolarment fil-faccata tad-dar tal-konvenut.**

**Illi l-attur ipprezenta risposta ghal kontro-talba pprezentata fis-7 ta' Mejju, 2002 fejn intqal illi l-attur rikonvenut qed jirrespingi t-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti bhala totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-raguni li, kuntrarjament ghal dak li allegat kontrih, l-attur esegwixxa minghajr dewmien ix-xoghol li kien mitlub jaghmel u dan skond kif tirrikjedi l-arti u s-sengha.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.**

**Sema' x-xhieda ta' Perit Godwin Abela, Alfred Spiteri, George Sladden, Ino Bonello, Simon Vella, Marisa**

**Vella, Dr Louis Vella. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur istitwixxa din il-kawza ghal bilanc fuq xoghol maghmul fil-fond MaryLou, Triq il-Pellikan, San Gwann. Ix-xoghol in kwistjoni kien jinkludi fost l-ohrajn xoghol ta' thaffir, qtugh ta' blat, tkabbir ta' garage, li jitnehha terrapien u qlugh ta' madum u garr tieghu, kif ukoll xoghol fuq horza ta' bir. Il-konvenut qal illi kien hemm inadempjenza kontrattwali u difetti serji fix-xoghol. Huwa ghamel kontro-talba ghar-rifuzjoni ta' xoghol li ma sarx, ghal danni kontrattwali ta' xoghol li sar hazin jew li ma giex esegwit, kif ukoll ghal danni kontrattwali rizultanti minn dewmien u difetti rreparabbli fil-faccata.**

**2. Jirrizulta illi kien gie redatt ftehim dwar ix-xoghol illi kellu jsir u l-hlas. Dan il-ftehim Dok C qatt ma gie ffirmat.**

**3. Jirrizulta mix-xhieda mismugha u specifikatament minn dak li qal Dr Louis Vella u martu Marisa li x-xoghol kellu jitlesta sa l-ahhar ta' Lulju 2001.**

**4. Jirrizulta illi l-attur mhux biss beda x-xoghol tlett gimghat tard, izda kien ukoll ghamel zmien wieqaf bejn is-27 ta' Lulju, 2001 u 6 ta' Awissu 2001.**

**5. Huwa evidenti mill-provi mismugha illi l-attur ma lestiex ix-xoghol fi zmien miftiehem.**

**6. Dwar ix-xoghol inkwistjoni jirrizulta illi kien hemm kwistjoni dwar it-thaffir ghal pedamenti. Jirrizulta illi filwaqt illi kellu jinzel filata u nofs, fil-fatt l-attur nizel xi tlieta jew erbgha filati. Dana jirrizulta mid-Dok A1 li huwa s-*Certificate Of Works* mahrug mill-Perit Godwin Abela. Dana necessarjament involva spiza akbar, sija ghal dak li huwa thaffir kif ukoll ghal garr ta' terrapien.**

**7. Jirrizulta wkoll illi kien hemm ilment dwar il-makkinarju li ntuza ghat-tqattiegh. Jidher mill-provi illi kien hemm qbil car illi ma kellux jintuza makkinarju goff u l-garr tat-terrapien kellu jkun manwali. Jirrizulta pero' illi l-attur kien gab highmack biex isir it-thaffir u din bi spiza zejda fl-ammont ta' erba' mija u**

**hamsin lira (Lm450). Apparti minn dan tali uzu ta' makkinarju kbir ikkawza danni fuq il-gebla.**

**8. Ilment iehor principali f'din il-kawza kien jirrigwarda l-faccata. Kif xehed Ino Bonello li kien originarjament ha hsieb il-bini tal-fond, dana testwalment qal hekk «meta giet krejata l-faccata originarjament din giet krejata b'mod originali, b'tali mod illi x-xwieki l-vertikalitajiet u l-orizontalitajiet ikunu precizi ». Jirrizulta illi l-konvenut li kull ma ried illi b'xi sistema hafifa li ma tinvolvix ingenji, tigi riprestinata l-faccata ghal li kienet, cioe' illi jitnehha minn fuq il-gebel il-glata u swudija. Jirrizulta illi u dana ferm evidenti mir-ritratti specjalment id-Dok LV 5 illi ntuza makkinarju u precizament « rotating tool » li halliet il-marka taghha fil-gebel.**

**9. Jirrizulta wkoll illi sar tikhil tal-faccata, tikhil illi mid-Dok LV 9 u LV 10 esebiti wiehed ighid minghajr dubju ta' xejn li mhux accettabbli u ma giex rifinut, anzi jidher li sar pjuttost bil-ghagla.**

**10. Kien hemm ilment ukoll dwar illi l-blat tal-genb tad-drive in ma giex imqatta pulit. Dana huwa evidenti mid Dok LV3, LV4 u LV5. L-attur ighid illi hemmhekk ma qattghux minhabba l-pipijiet tad-drenagg. Dana jinsab mix-xhud Alfred Spiteri inkarigat mit-tqattiegh tal-blat, pero' t-Tribunal jinnota illi fil-fatt dan ix-xoghol seta' sar minghajr ingenji kbar b'mod illi x-xoghol jigi pulit u mhux jithalla dak li thalla kif muri, apparti li rrizulta li d-drenagg kien qed jigi mibdul ukoll.**

**11. Finalment il-konvenut spicca biex kecca lill-attur u waqqfu milli jkompli.**

**12. L-attur kien hallas ghal dan ix-xoghol l-ammonti ta' tmien mija u hamsin lira (Lm850) u disa' mija u tletin lira (Lm930). Dak li qed jitlob l-attur huwa l-bilanc ghax-xoghol illi sar.**

**13. Il-konvenut fil-kontro-talba tieghu rrefera ghal fatt illi kellu jqabbad kuntrattur iehor u x-xoghol rimedjali kien jiswielu erba' mija erba' u disghin lira u hamsin centezmu (Lm494.50)**

**14. Tqajjem il-punt illi l-kontijiet ma kienux jinkludu t-taxxa fuq il-valur mizjud. It-Tribunal f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-**

**Qorti Civili <u>Mario Testa vs</u> <u>Alfred Theuma</u> deciza fit-18 ta' Jannar 2002 fejn intqal illi : «il-partijiet ma jistghux bi ftehim privat jaqblu illi d-disposizzjonijiet ta' ligi fiskali ma jghoddux ghalihom. L-attur, ghalhekk, xorta ghandu jedd jitlob ir-ricevuta. » It-taxxa fuq il-valur mizjud ma hijiex meritu ta' din il-kawza u jibqa' d-dritt illi jingabar l-ammont relattiv minghand il-konvenut, skond kemm hu dovut.**

**15. It-Tribunal qed jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet <u>George Tabone noe vs Fillini</u> <u>Tatiana et</u> fejn gie ritenut illi d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' xogholijiet jiggustifika riduzzjoni fil-prezz.**

**16. Tenut kont ta' dan kollu, illi tassew kien hemm dewmien u x-xoghol spicca wara d-data stabbilita' kif ukoll tenut kont illi d-difetti fix-xoghol ilmentati sa certu punt jirrizultaw specjalment il-fatt dwar it-tqattiegh ta' blat zejjed, il-makkinarju kbir uzat u l-ilment dwar il-faccata, jwasslu lit-Tribunal ghal fehma illi mill-ammont ta' elf mija tnejn u ghoxrin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,122.41) reklamati mill-attur ghandhom jitnaqqsu hamsa fil-mija (5%) minhabba t-terminazzjoni tardiva. Dana jfisser li jrid jitnaqqas l-ammont ta' sitta u hamsin lira u tnax-il centezmu li jhalli l-ammont ta' elf u sitta u sittin lira u disa' u ghoxrin centezmu (Lm1,066.29). It-Tribunal inoltre qed iqies li kien hemm danni ukoll fil-gebla minhabba il-makkinarju li ntuza. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed inqqas is-somma ta' mitejn lira (Lm200) ghal dak li kien parti mill-ammont ghat-tqattigh zejjed li ma kienx previst fl-akkordju originali. Ghalhekk mis-somma ta' elf u sitta u sittin lira u disa' u ghoxrin centezmu (Lm1,066.29) it-Tribunal qed inqqas is-somma ta' mitejn lira (Lm200), u b'hekk jibqa' dovuta lill-attur is-somma ta' tmien mija u sitta u sittin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm866.29).**

**17. It-Tribunal inoltre qed isib gustifikata l-kontro-talba tal-konvenut u dana fl-ammont ta' erba mija u tlieta u sebghin lira u sittin centezmu (Lm473.60), u mhux fis-somma ta' hames mija u disa' u ghoxrin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm529.72) in kwantu l-ammont ta' sitta u hamsin lira u tnax-il centezmu**

**(Lm56.12) ghal xoghol tardiv gja ttiehed in kunsiderazzjoni u tnaqqas mill-ammont dovut lill-attur. L-ammont ta' erba' mija tlieta u sebghin lira u sittin centezmu (Lm473.60) huma danni kagunati lill-konvenut, li konsegwentement l-istess attur ghandu jhallas lill-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmien mija u sitta u sittin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm866.29) u qed jilqa' l-kontro-talba tal-konvenut limitatament fis-somma ta'  erba' mija tlieta u sebghin lira u sittin centezmu (Lm473.60),  u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1196 tal-Kap 16 jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u disa' u sittin centezmu (Lm392.69), u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira u disa' u sittin centezmu (Lm392.69). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**Peress illi l-attur kellu responsabilita' kbira ghal akkadut u tenut kont li l-konvenut kien gustifikat fil-kontestazzjoni tieghu, pero` tenut kont li l-kawza twalet principalment minhabba l-konvenut, l-ispejjez ta' dina l-istanza, tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------